MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2009

Citazzjoni Numru. 21/2007

Kawza fil-lista: 28

**A B C**
**vs**
**E sive E B, l-Avukat Dottor Beppe Fenech Adami u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-minuri D B C, u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

1. Illi hija sseparat minn mar-ragel taghha l-intimat E sive E B permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dott.

Patricia Hall datat dsatax (19) ta' Ottubru elfejn u hamsa (2005) (Dok A);

2. Illi fl-ghaxra (10) ta' Lulju tas-sena elfejn u sitta (2006) ir-rikorrenti twelditilha tarbija bl-isem D, iskritt fir-Registru Pubbliku bin-numru ta' iskrizzjoni elfejn mija u disghin (2190) (Dok B) fejn fil-kolonna indikattiva ta' isem il-missier dana gie indikat bhala E (E) B;

3. Illi l-imsemmija minuri D ma hijix il-wild naturali ta' l-intimat E (E) B;

4. Illi l-esponenti ghandha interess illi ssir id-debita korrezzjoni;

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, l-esponent umilment jitlob 'l din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni jew ordni li joghgobha timponi fl-ahjar interess ta' l-amministrazzjoni tal-gustizzja, joghgobha:

1. Tiddikjara illi l-intimat E (E) B ma huwiex il-missier naturali tal-minuri D B C;

2. Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru sabiex jikkoregi c-certifikat tat-twelid li jgib in-numru ta' iskrizzjoni elfejn mija u disghin (2190) fis-sens illi fil-kolonna indikattiva ghall-partikolaritajiet tal-missier jigi sostitwit bil-kliem 'missier mhux maghruf'.

Bl-ispejjez tal-prezenti kontra l-intimati.

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenut E sive Charles B ddikjara li jaqbel ma' l-ewwel talba attrici ;

Rat ir-risposta guramentata li biha d-Direttur tar-Registru Pubbliku rrisponda :

1. Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors guramentat u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jehtieg illi r-rikorrenti tipprova l-impossibilita' fizika bejn il-konjugi u cioe' bejn l-intimat E sive E B u bejnha.

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost ukoll, ir-rikorrenti ghandha titlob illi jekk it-talbiet taghha jintlaqghu, il-kliem "the said" ghandhom jigu kancellati mill-kolonna li tispecifika d-dettalji dwar l-omm fuq l-Att tat-Twelid in kwistjoni.

4. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta' l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas ta' l-intimat li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati li biha ddikjaraw li ma kienux ghadhom edotti mill-fatti tal-kaz ;

Rat li l-kjamat fil-kawza Charles Borg, debitament notifikat, ghazel li jibqa' kontumaci ;

Rat l-Avviz mahrug fil-Gazzetta tal-Gvern ;

Rat ir-rapport xjentifiku tad-DNA prezentat u mahluf mill-Analista Christopher Farrugia u l-Ispizjara Marisa Cassar;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li t-tifla D, li twieldet minnha fl-10 ta' Lulju 2006 u li fl-att tat-twelid

taghha numru 2190/06 tinsab registrata bil-kunjom B C, mhijiex il-wild naturali tal-konvenut E B.

**Il-Fatti**

Illi mill-provi jirrizulta li l-attrici u l-konvenut E sive Charles, konjugi B kienu sseparaw de facto fis-26 ta' Lulju 2004, u de jure, fis-19 ta' Ottubru 2005. Illi bejn Settembru u Novembru tas-sena 2005, l-attrici kellha relazzjoni ntima ta' darba ma' terza persuna jdentifikata minnha bhala Charles Borg li gie kjamat fil-kawza; u fl-10 ta' Lulju 2006, minn din ir-relazzjoni twieldet it-tifla D.

Illi l-attrici tghid li din it-tifla mhijiex il-wild naturali tal-konvenut E sive Charles B ; u f' dan ir-rigward hija korroborata mir-rizultanzi tat-testijiet xjentifici tad-DNA. Mill-banda l-ohra pero' ma jirrizultax sodisfacentement provat li l-kjamat fil-kawza Charles Borg huwa l-missier naturali tat-tarbija.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt, u jimmeritaw li jigu miluqgha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talbiet ta' l-attrici, u tiddikjara li t-tifla D li twieled mill-attrici fl-10 ta' Lulju 2006 mhijiex il-wild naturali u bijologiku tal-konvenut E sive Charles B ; u konsegwentement tordna l-korrezzjoni fl-att tat-twelid numru 2190/06 fit-termini tat-tieni talba.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tan-naha attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------